MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-16 ta' April, 2009

Talba Numru. 910/2007

Vodafone Malta Limited (C10865).

Vs

Dennis Desira.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas minghand il-konvenut tas-somma ta' erba mija u tmienja u hamsin Lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm458.81), rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnessjoni ma *mobile phone* bin-numru 9944 2813. Bl-ispejjes inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment u tal-mandat ta' Qbid numerat 2324/07, u bl-imghax mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' elf u tmienja u sittin Ewro u erba u sebghin centezmu (€1068.74), ekwivalenti ghal Lm458.81, bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha kif mitluba fl-Avviz, ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------